



Brussell, 20 ta' Mejju 2020  
(OR. en)

8078/20  
ADD 1

---

Fajl Interistituzzjonal:  
2020/0087(NLE)

---

PECHE 121

## PROPOSTA

---

minn:	Segretarju Ĝeneralji tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	20 ta' Mejju 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ĝeneralji tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 205 final - Annexes
Suġġett:	ANNESSI tal- Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1838 f'dak li għandu x'jaqsam ma' ċerti opportunitajiet tas-sajd għall-2020 fil-Baħar Baltiku u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/123 f'dak li għandu x'jaqsam ma' ċerti opportunitajiet tas-sajd għall-2020 fl-ilmijiet tal-Unjoni u f'dawk li mhumix tal-Unjoni

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 205 final - Annexes.

---

Mehmuż: COM(2020) 205 final - Annexes



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 20.5.2020  
COM(2020) 205 final

ANNEXES 1 to 2

## **ANNESSI**

**tal-**

### **Proposta għal Regolament tal-Kunsill**

**li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1838 f'dak li għandu x'jaqsam ma' ċerti opportunitajiet tas-sajd għall-2020 fil-Baħar Baltiku u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/123 f'dak li għandu x'jaqsam ma' ċerti opportunitajiet tas-sajd għall-2020 fl-ilmi jiet tal-Unjoni u f'dawk li mhumiex tal-Unjoni**

## **ANNESS I**

L-Anness tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1838 huwa emendat kif ġej:

- (1) fit-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għall-bakkaljaw fis-subdiviżjonijiet 25 sa 32 tal-ICES, in-nota ta' qiegħ il-paġna numru 2 hija sostitwita b'dan li ġej:

“(2) Għandu jkun ipprojbit li jsir sajd għal din il-kwota fis-subdiviżjonijiet 25 u 26 mill-1 ta' Mejju sal-31 ta' Awwissu.

B'deroga mill-ewwel paragrafu, jistgħu jsiru attivitat jiet tas-sajd li jsiru biss għall-finijiet tal-investigazzjonijiet xjentifiċċi, sakemm dawk l-investigazzjonijiet jitwettqu f'konformità sħiħa mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2019/1241.

B'deroga mill-ewwel paragrafu, dak il-perjodu tal-ġħeluq ma għandux japplika għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'tul totali ta' inqas minn 12-il metru li jistadu bl-għeżula, bix-xbieki tat-tħabbil jew bil-pariti, bil-konzijiet tal-qiegħ, bil-konzijiet, bix-xlief u bl-irkaptu tat-trejjix jew bi rkaptu passiv ieħor f'żoni fejn l-ilma jkun inqas minn 20 metru fond skont il-koordinati tal-mappa nawtika uffiċċiali li joħorġu l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Il-kaptani ta' dawk il-bastimenti tas-sajd għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ta' kontroll tal-Istat Membru jkunu jistgħu jimmonitorjaw l-attivitat jiet tas-sajd tagħhom il-ħin kollu.”;

- (2) fit-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għall-bakkaljaw fis-subdiviżjonijiet 22 sa 24 tal-ICES, in-nota ta' qiegħ il-paġna numru 2 hija sostitwita b'dan li ġej:

“(2) Għandu jkun ipprojbit li jsir sajd għal din il-kwota fis-subdiviżjonijiet 22 u 23 mill-1 ta' Frar sal-31 ta' Marzu u fis-subdiviżjoni 24 mill-1 ta' Ġunju sal-31 ta' Lulju.

B'deroga mill-ewwel paragrafu, jistgħu jsiru attivitat jiet tas-sajd li jsiru biss għall-finijiet tal-investigazzjonijiet xjentifiċċi, sakemm dawk l-investigazzjonijiet jitwettqu f'konformità sħiħa mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2019/1241.

B'deroga mill-ewwel paragrafu, dak il-perjodu tal-ġħeluq ma għandux japplika għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'tul totali ta' inqas minn 12-il metru li jistadu bl-għeżula, bix-xbieki tat-tħabbil jew bil-pariti, bil-konzijiet tal-qiegħ, bil-konzijiet, bix-xlief u bl-irkaptu tat-trejjix jew bi rkaptu passiv ieħor f'żoni fejn l-ilma jkun inqas minn 20 metru fond skont il-koordinati tal-mappa nawtika uffiċċiali li joħorġu l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Il-kaptani ta' dawk il-bastimenti tas-sajd għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ta' kontroll tal-Istat Membru jkunu jistgħu jimmonitorjaw l-attivitat jiet tas-sajd tagħhom il-ħin kollu.”.

## **ANNESS II**

L-Annessi IA, ID, IH u V tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/123 huma emendati kif ġej:

- (1) l-Anness IA huwa emendat kif ġej:

- (a) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għall-għamblu tat-Tramuntana fid-diviżjoni 3a tal-ICES hija sostitwita b'dan li ġej:

“Speċi:	Għamblu tat-Tramuntana <i>Pandalus borealis</i>	Żona:	Iż-żona 3a (PRA/03A.)
---------	--	-------	--------------------------

Danimarka	
L-Iżvezja	1 143
L-Unjoni	3 266
It-TAC	6 116"

;

- (b) tiddaħħal it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd li ġejja għal-laċċ ikħal u għall-qabdet aċċessorji marbutin miegħu fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 3a tal-ICES:

“Speċi:	Laċċ ikħal u qabdet aċċessorji marbutin miegħu <i>Sprattus sprattus</i>	Żona:	Iż-żona 3a (SPR/03A.2)
Id-Danimarka	pm (1)(2)	TAC analitika	
Il-Ġermanja	pm (1)(2)		
L-Iżvezja	pm (1)(2)		
L-Unjoni	pm (1)(2)		
It-TAC	pm (2)"		

(1) Sa 5 % tal-kwota tista' tkun qabdet aċċessorji tal-merlangu u tal-merluzz tal-linja sewda (OTH/\*03A.2). Flimkien, il-qabdet aċċessorji tal-merlangu u tal-merluzz tal-linja sewda li jingħaddu mal-kwota skont din id-dispożizzjoni u l-qabdet aċċessorji ta' dawk l-ispeċijiet li jingħaddu mal-kwota skont l-Artikolu 15(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 ma għandhom jaqbżu d-9 % tal-kwota.

(2) Din il-kwota tista' tingħad biss mill-1 ta' Luju 2020 sat-30 ta' Ġunju 2021. Jistgħu jsiru trasferimenti ta' din il-kwota lejn l-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni 2a u 4. Madankollu, il-Kummissjoni għandha tkun mgħarrfa minn qabel bit-tali trasferimenti.

;

- (c) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għal-laċċ ikħal u għall-qabdet aċċessorji marbutin miegħu fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 2a tal-ICES u tas-subżona 4 tal-ICES hija sostitwita b'dan li ġej:

“Speċi:	Laċċ ikħal u qabdet aċċessorji marbutin miegħu <i>Sprattus sprattus</i>	Żona:	L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni 2a u 4 (SPR/2AC4-C)
Il-Belġju	pm (1)(2)	TAC analitika	
Id-Danimarka	pm (1)(2)		
Il-Ġermanja	pm (1)(2)		
Franza	pm (1)(2)		
In-Netherlands	pm (1)(2)		
L-Iżvezja	pm (1)(2)(3)		
Ir-Renju Unit	pm (1)(2)		
L-Unjoni	pm (1)		
In-Norveġja	pm (1)		
Il-Gżejjer Faeroe	pm (1)(4)		

(1)

Din il-kwota tista' tinqabad biss mill-1 ta' Lulju 2020 sat-30 ta' Ġunju 2021.

(2)

Sa 2 % tal-kwota tista' tkun qabdet aċċessorji tal-merlangu (OTH/ \*2AC4C). Flimkien, il-qabdet aċċessorji tal-merlangu li jingħaddu mal-kwota skont din id-dispożizzjoni u l-qabdet aċċessorji ta' dawk l-ispeċijiet li jingħaddu mal-kwota skont l-Artikolu 15(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 ma għandhomx jaqbżu d-9 % tal-kwota.

(3)

Inkluż iċ-ċiċċirell.

(4)

Din il-kwota jista' jkun fiha sa 4 % ta' qabdet aċċessorji tal-aringi.

;

(d) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għall-inċova fis-subżoni 9 u 10 tal-ICES u fl-il-mijiet tal-Unjoni taż-żona 34.1.1 tas-CECAF hija sostitwita b'dan li ġej:

“Speċi:	Inċova  <i>Engraulis encrasiculus</i>	Żona:	Iż-żoni 9 u 10 u l-il-mijiet tal-Unjoni taż-żona 34.1.1 tas-CECAF  (ANE/9/3411)
---------	---	-------	---

Spanja	1 922	(1)	TAC prekawzjonarja
Il-Portugall	2 096	(1)	
L-Unjoni	4 018	(1)	

It-TAC 4 018 (1)»

(1) Din il-kwota tista' tinqabad biss mill-1 ta' Lulju 2020 sat-30 ta' Ġunju 2021.

;

(e) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għall-aringi fl-il-mijiet tal-Unjoni u f'dawk Norveġiżi taż-żona 4 li jinsabu fit-Tramuntana ta' 53° 30' N hija sostitwita b'dan li ġej:

“Speċi:	Aringi <sup>(1)</sup>  <i>Clupea harengus</i>	Żon a:	L-il-mijiet tal-Unjoni u dawk Norveġiżi taż-żona 4 li jinsabu fit-Tramuntana ta' 53° 30' N  (HER/4AB.)
---------	---	--------	--

Id-Danimarka	59 468	TAC analitika
Il-Ġermanja	39 404	Japplika l-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament.
Franza	20 670	
In-Netherlands	51 717	
L-Iż-vezja	3 913	
Ir-Renju Unit	55 583	
L-Unjoni	230 755	
Il-Gżejjjer Faeroe	250	
In-Norveġja	111 652	(2)
It-TAC	385 008	

- (1) Il-qabdiet tal-aringi li jinqabdu fis-sajd bix-xbieki b'daqs tal-malja ta' 32 mm jew iktar.
- (2) Il-qabdiet li jinqabdu fil-kuntest ta' din il-kwota jridu jitnaqqsu mis-sehem tat-TAC tan-Norveġja. Fil-limitu ta' din il-kwota, fl-ilmiġiet tal-Unjoni taż-żoni 4a u 4b (HER/\*4AB-C) ma tistax tinqabad iktar mill-kwantità mniżżla hawn taħt. Se tingħata kwantità addizzjonali ta' mhux aktar minn 10 000 tunnellata jekk in-Norveġja titlob it-tali żieda.

50 000

---

Kundizzjoni speċjali: fil-limiti tal-kwoti msemmijin hawn fuq, l-Unjoni ma tistax taqbad iktar mill-kwantitajiet imniżżlin hawn taħt fl-ilmiġiet Norveġiżi li jinsabu fin-Nofsinhar ta' 62° N. Se tingħata kwantità addizzjonali ta' mhux aktar minn 10 000 tunnellata jekk l-Unjoni Ewropea titlob it-tali żieda.

L-ilmiġiet Norveġiżi li jinsabu fin-Nofsinhar ta' 62° N  
(HER/\*04N-)<sup>(1)</sup>

50 000

“

- ;
- (2) fl-Anness ID, it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għall-pixxispad fil-Mediterran hija sostitwita b'dan li ġej:

“Speċi:	Pixxispad <i>Xiphias gladius</i>	Żona:	Il-Baħar Mediterran (SWO/MED)
Il-Kroazja	14,60	(1)	TAC analitika
Ċipru	53,85	(1)	Ma għandux japplika l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96.
Spanja	1 663,34	(1)	Ma għandux japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96.
Franza	115,93	(1)	
Il-Greċċa	1 101,10	(1)	
L-Italja	3 409,98	(1)	
Malta	404,55	(1)	
L-Unjoni	6 763,35	(1)	
It-TAC	9 583,07”		

(1) Din il-kwota tista’ tinqabad biss mill-1 ta’ April sal-31 ta’ Diċembru.

;

(3) fl-Anness IH, it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għas-sawrell taċ-Ċili fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO hija sostitwita b’dan li ġej:

“Speċi:	Sawrell taċ-Ċili <i>Trachurus murphyi</i>	Żona:	Iż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO (CJM/SPRFMO)
Il-Ġermanja	10 446,80		TAC analitika
In-Netherlands	11 323,26		Ma għandux japplika l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96.
Il-Litwanja	7 269,16		Ma għandux japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96.
Il-Polonja	12 498,78		
L-Unjoni	41 538		
It-TAC	Mhx rilevanti”		

;

(4) fil-Parti B tat-tabella mogħtija fl-Anness V, li tittratta “L-għadd massimu ta’ awtorizzazzjonijiet tas-sajd għall-bastimenti ta’ pajjiżi terzi li jistadu fl-il-mijiet tal-Unjoni”, in-nota ta’ qiegħ il-paġna numru 1 hija sostitwita b’dan li ġej:

“(1) Biex jinħarġu dawk l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd, trid tingħata prova li jeżisti kuntratt validu bejn sid il-bastiment li qed japplika għall-awtorizzazzjoni tas-sajd u impriżza tal-ipproċessar li tinsab fid-Dipartiment tal-Guyana Franċiża u li dan jinkludi l-obbligu li mill-inqas 75 % mill-qabdiet kollha tal-isnapper tal-bastiment ikkonċernat jinħattu l-art f'dak id-Dipartiment sabiex dawn ikunu jistgħu jiġu pproċessati fl-impjant ta’ dik l-impriżza. L-awtoritajiet Franċiżi jridu japprova it-tali kuntratt u għandhom jiżguraw li dan ikun konsistenti kemm mal-kapaċità reali tal-impriżza tal-ipproċessar kontraenti u kemm mal-objettivi għall-iż-żvilupp tal-ekonomija tal-Guyana. Mal-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tas-sajd għandha tinhemeż kopja ta’ dan il-kuntratt li jkun ġie approvat kif xieraq. Meta t-tali approvazzjoni tiġi miċħuda, l-awtoritajiet Franċiżi għandhom jgħarrfu lill-parti kkonċernata u lill-Kummissjoni b’dan u jagħtuhom ir-raġunijiet tagħhom għal dan. Bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera tal-Venezwela li jkun awtorizzat iwettaq attivitajiet tas-sajd fl-2020 jista’ jkompli jistad sal-1 ta’ April 2021 sa ma tiġġedded l-awtorizzazzjoni tas-sajd tiegħu, dejjem jekk:

- l-operatur tal-bastiment ikun iffirma kuntratt ġdid tal-provvista għall-2021;

- ikunu għaddejjin il-proċeduri għat-tiġdid tal-awtorizzazzjoni ta' dan il-bastiment;
- fl-2020 l-operatur tal-bastiment ikun ġares l-obbligi tiegħu tar-rappurtar u l-obbligi kuntrattwali tiegħu marbutin mal-ħatt l-art.

Din l-estensjoni tiskadi fid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar il-ħruġ ta' awtorizzazzjoni tas-sajd għall-2021 għal dak il-bastiment, jew malli l-Kummissjoni tavża li l-awtorizzazzjoni ġiet miċħuda.”.

**ANNESS [...]**